Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IT-TMIEN LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 30
# L-Erbgha 22 ta'Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:00pm.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Charles Selvaggi : Kunsillier (Hareg 6:45pm)
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku (Harget 7:00pm)

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

30.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

30.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-29 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 29.5.13.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

30.3.01 B'referenza għal minuti 21.5.03, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar SPI/SCI/01/2021 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi fejn għarrfet lill-kunsilliera ppreżenti li l-applikazzjoni biex issir xogħol ta'restawr fuq l-Għajn tal-Ħasselin ġiet approvata.

30.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Cir AKL 2021/089 u għarrfet lill kunsilliera preżenti li attendiet għal attività organizzat mill-AKL dwar tnedija ta' kors fuq Livell 5 Diploma fl-Immaniġġjar u l-Governanza għal dawk il-mmembri eletti, segretarji eżekuttivi, kif ukoll ħaddiema mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Hawn għarrfet lil kunsilliera preżenti li se jsiru wkoll laqgħat għal dawk interessati sabiex jkunu jafu d-dettalji dwar kif issir ħlas lura mill-Get Qualified kif ukoll x' tip ta' għajnuna ser tingħata mill- AKL u hegget biex japplikaw.

30.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Cir AKL 2021/083 President's Solidarity Fun Run 2021 li se ssir fl-14 ta' Novembru biex il-kunsill jipproponi ir-rotta lokali skond dak mitlub u jipparteċipa.

30.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li se ssir kollaborazzjoni mal-Ambaxxata Ċiniża permezz ta'esebizzjoni kulturali b'tema ta' xeni mic-Cina ġewwa Misraħ San Guzepp.

30.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet u tgħat dettalji dwar iż-żjara organizzata mill-Gvern lokali ta' Knezha ġol-Bulgarija għal programm tal-UE Europe for Citizens. Hawn spjegat ukoll kif parti oħra mill-programm organizzat li jittratta Diversita u Integrazzjoni għandu ssir go Malta s-sena dieħla għal Frar.

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

30.4.01 B'referenza għall-minuti 29.4.074 dwar il-proġett tal-flyover,is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għadu fil-proċess ta' screening.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li resident mill-Imsida ppropona alternattiva għal pjanta kurrenti għal proġett tal-Imsida Creek. Hawn poġġiet il-pjanta fuq il-mejda fejn tista' ssir bulevard miftuħa b'dritt il-knisja billi tkun msaqqfa dik il-parti magħrufa bħala il-banju go Misraħ San Guzepp biex jagħqad iż-żewġt partijiet u xi alterazzjonijiet oħra fit-triq minn kif hemm fil-pjanta kurrenti. Hawn spjegat li din tipprovdi għal aktar spazju pubbliku iżda ma tagħtix soluzzjoni biex ma jkunx hemm l-strutturi tal-overhead pedestrian passage.

30.4.02 B'referenza għal-minuti 29.4.06, is-sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm risposta għal ittra mibgħuta lir-residenti dwar tibdil fl-isem tat-triq it-Torri.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li waslet risposta waħda biss li ma' taqbilx li jinbidel isem it-triq.

30.4.03 B'referenza għall-minuti 29.4.07, is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jkompli ix-xogħol ta'tarmak go Triq it-Torri minħabba li din ila xhur li bdiet u mhux lesta.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li reġa' tkellem mal-perit tal-kuntrattur u Infrastructure Malta fejn ġie infurmat li din kien hemm problemi dwar ħajt li jista' jaqa go Triq il-Kunċizzjoni. Hawn spjega wkoll li talab biex almenu tkun lesta Triq it-Torri qabel ma tibda l-skola.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-aħjar haġa li ssir hija li l-kunsill jikteb l-CEO tal-IM dwar id-dewmien esaġerat.

30.4.04 B'referenza għall-minuti 29.4.08, Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-mutur żarmat u abbandunat go Triq L-Zamenhof li issa ilu żmien twil jirrapporta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kull darba qed jiġi rappurtat lill TM biex jiġbruh u kif spjega fis-seduta preċedenti qabel ma' jkun hemm proċedura stabbilita biex ssir l-affarijiet kif suppost mhux se jieħu l-ebda responsabiltà li jqabbad lill xi ħadd jagħmel xi haġa li twassal għal - konsegwenzi għar-rappreżentanti legali.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li Swatar kien hemm xi vetturi bl-avviż li issa tneħħew.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li se targa titlob lill Trasport Malta biex tieħu ħsieb.

30.4.05 B'referenza għall-minuti 29.4.09, Is-Sur Alfred Farrugia qal li l-bins li talab fejn il-bandli, saru.

30.4.06 B'referenza għall-minuti 29.4.10, is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm progress fuq l-emendi għal Bye Law tal-Iskall u laqgħa mal-kumitat tad-dgħajjes.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d-draft bl-emendi jonqos id-definizzjoni ta'dgħajjes u għadu wkoll qed jistenna minn għand il-perit tal-GHRC biex tibgħat il-pjanta tal-Iskall kif ġej. Hawn kompla jispjega fuq li għarraf fis-seduta preċedenti li huwa konfermat li se tittieħed parti minnu għal cycling lane għalhekk se jiċkien b'metru u nofs mill-wisgħa għalhekk il-kunsill jrid jikkunsidra dan minħabba li d-daqs ta' dgħajjes rrid jerġa jkun diskuss skond l-arja li se jifdal go l-iskall.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet wkoll lil kunsilliera preżenti li l-GHRC avża li x-xogħolijiet fuq il-promenade se jibdew fil-ġranet li ġejjin bejn l-aħħar ta'Settembru jew bidu ta'Ottubru. Hawn spjegat li saru xi arranġamenti dwar id-dgħajjes li hemm fuq l-iskall biex jitneħħew sa ċertu żmien u dwar xi alterazzjoni żgħira biex dawn ikunu jistgħu jinżlu aħjar mill-iskall. Għalhekk huwa importanti li l-byelaw kun lesta għal meta l-iskall jkun lest.

30.4.07 B'referenza għall-minuti 29.4.12, Is-Sur Emanuel Brincat tkellem u llmenta dwar il-problemi tal-knis għax għadu mhux qed ssir sew .
Is-Sur Jean Claude Borg qal li mir-ritratti li qed jaslu jidher li qed ssir.
Is-Sur Maurice Agius tkellem kif meta jinzerta lil xi ħadd jipparkja jgħidlu biex ma jissikkax mal-bankina iżda bosta drabi il-kenniesa ma jagħmlux sew fejn ikun hemm il-vetturi, l-stess irrid ssir meta jkun hemm il-ħmieġ tal-ħamiem li fejn it-turġien jidher li mhux ssir sew. Għalhekk il-contracts manager rrid jara dan wkoll kif qed ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif ġa spjega fis-seduta preċedenti bagħat biex ssir laqgħa mal-Kuntrattur. Hawn reġa' spjega li il-kuntratt kif huwa ma għadux jirrifletti il-bidliet li saru fil-popolazzjoni. Għalhekk huwa importanti li l-kunsill jaħtar kumitat f'ħdanu biex idur, jistudja u jara sewwa x'qed ssir go l-Imsida biex wara jikkunsidra x'hemm bżonn ssir għal kwalità ta' tindif fit-toroq aħjar u qabel ma jibda jipprepara sejħa ġdida fi ftit xhur oħra.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu unanimament li jinħatar kumitat biex iddur it-toroq u jħejju pjan għal li hemm bżonn ssir.

30.4.08 B'referenza għall-minuti 29.5.07, Is-sur Nicholas Chircop għarraf lill kunsilliera preżenti dwar dak li se jkun qed ssir go l-Imsida għal- European week of Sports u ta' dettalji dwar attivitajiet ta' sport differenti go Misraħ San Guzepp. Hawn spjega li se jkun hemm bżonn xi ilma għal parteċipanti u sanitizers skond il-protokoll tas-saħħa.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

30.4.09 B'referenza għal- minuti 29.5.16,Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx verifika ta'kif qed joħorġu l- permessi għal-disable parking.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għamel verifika fuq affarijiet relatati iżda mhux fuq dan is-suġġett partikulari.

30.4.10 B'referenza għal- minuti 29.5.21, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk ttieħdux passi dwar il-planters u bollards li saru ma' dawra tal-pletform ta'stabbiliment.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan għadu ma sarx u l-aħjar haġa li ssir rapport ma' l-awtoritajiet li jieħdu ħsieb dawn il-permessi għal pletform. Hawn kompla jispjega fil-mument jinsab verbalment infurmat li hemm bosta stabbilimenti li qed jivverifikaw kif għandhom jagħmlu biex japplikaw għal pletform u jista' jkun li din se twassal għal problema oħra.

**30.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

30.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar r-riżenja ta' waħda mill-impjegati tal-kunsilli li l-aħħar ġurnata ta' xogħol se tkun it-23 ta'Novembru , għalhekk hemm pożizzjoni vakanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ir-raġun li għal volum ta'xogħol li hemm fil-kunsill il-vakanza trid tkun flessibbli u kapaċi tkopri kull xogħol meta jkun mitlub għal hekk din għanda tkun ta' skala 13. Għalhekk qed jitlob lill kunsill biex jikkunsidra din il-pożizzjoni u ssir is-sejħa biex jimtela l-post vakanti.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li toħroġ is-sejħa għal Clerk skala 13.

30.5.02 B'referenza għal minuti 29.5.23, Is-Sur Jean Claude Borg ppreżenta żewġt disinji għat-tiżjin tal-Milied go Rue D'Argens biex il-kunsilliera preżenti jagħżlu wieħed minnhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li f'sena preċedenti din saret minn skema fondi Regjun u ma' kienetx parti mis-sejħa għat-tiżjin tal-Milied fit-toroq u l-istima hija ta' €2500 mingħajr il-meter u konsum.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw disinn numru 2.

30.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li matul is-sena jaslu bosta proposti għal proġetti minn fondi Ewropew bħal Erasmus li jkunu dwar patti ta' ħbiberija jew kollaborazzjoni bejn kunsilli go pajjiżi differenti. Ħafna drabi dan jinvolvi xogħol ta' milli ta' applikazzjonijiet jew dettalji għal mandati li jieħdu l-ħin biex ikunu preparati. Jidher wkoll li l-għaqda non governattiva Nanniet Malta talbu lid-direzzjoni ta'waħda mill-iskemi biex jkun hemm persuna tieħu ħsieb xi affarijiet simili tagħhom. Hawn kompliet tispjega li d-direzzjoni kkonsulta magħha biex tara jekk wieħed mill-ħaddiema jistax jkun assenjat bejn il-Kunsill u din l-għaqda. Għalhekk qed tipproponi biex il-ġimgħa ta' xogħol tinqasam bejn tlett ġranet mal-kunsill fejn parti mix-xogħol tkun li jieħu ħsieb ukoll jipprepara dawn it-tip ta' applikazzjonijiet u l-jumejn l-oħra jkun assenjat taħt ir-responsabiltà tal-Għaqda Nanniet Malta.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw. Kien hemm ukoll invit ghas-Sindku biex tintaqa' mas-Sindku ta' Buscemi fejn kienet se tigi inizzjata l-ewwel passi biex tinholoq nanniet tal-lokal ta' Buscemi u b'hekk tigi ntroddotha wkoll f' lokalitajiet ohra fi sqallija. Is-sindku ma setghatx tmur u ghaddiet xi tokens u ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Alexander Calleja Zammit biex jghaddihom f'isem il-kunsill lokali, minhabba li huwa mar ghal din l-okkazzjoni ma' Nanniet Malta.

30.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li matul is-sena il-Kunsill Lokali L-Imsida approva mandat għal parteċipazzjoni mal-lokalità ta' Santa Comba go Spanja fejn il-proġett "From the Costa da Morte making a better Europe" ġie approvat mill -Kummissjoni Ewropea (2.1. Town Twinning Citizen Meetings - Europe with Citizens Program 2014-2020). Dawn il-laqgħat se jsiru bejn il-25 u 30 ta'Ottubru fejn il-kunsill għandu post għal 6 delegati. Għalhekk dawk il-kunsilliera li jixtiequ jattendu huma mitluba jikkonfermaw sal-Ġimgħa l-1 ta'Ottubru. Hawn kompliet tispjega li l-attivitajiet , ikel u akkomodazzjoni huma koperti mill-programm waqt li l-kunsill irrid ikopri l-vjaġġ bl-ajru. Minħabba li ma hemmx titjira diretta jista' jkun hemm bżonn akkomodazzjoni addizzjonali.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew li jekk ma jkunux jistgħu jmorru kunsilliera, għandhom jingħataw opportunitajiet wkoll l-impjegati tal-kunsill. Gie approvat unanimament li l-kunsill jieħu ħsieb il-passaġġ tal-ajru filwaqt li l-akkomodazzjoni oħra li jista' jkun hemm bżonn irrid iħallas għaliha min ikun qed jivvjaġġa.

30.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti tard wara nofs nhar qabel is-seduta flimkien mas-Sur Charles Selvaggi saret laqgħa msejjħa mis-Sindku u l-minority leader tal-Kunsill Lokali Ta'Xbiex fil-preżenza tas-Segretarji Eżekuttiv tal-lokalitajiet rispettivi u f'ħin minnhom ingħaqad ukoll is-Sur Nicholas Chircop li inzerta kien hemm. Hawn spjegat li l-iskop tal-laqgħa kien biex jkunu diskussi xi anomaliji fil-konfini u talba biex numru ta' toroq fl-Imsida jgħadu għand il-kunsill lokali Ta'Xbiex inkluż parti minn Xatt ta'Xbiex k/a Triq A.Sciortino sa Triq Princess Margaret.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u unnanimament ma qablux ma din it-talba ghal-bidla fil-konfini lokali tkun kunsidrata jew aċċettata.

30.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-bankina go Triq il-Ħarrub u staqsa jekk il-kunsill jistax jara kif tkun rranġata il-bankina ħalli jkun hemm aktar parkeġġ.

Is-Sur Emanuel Brincat issuġġerixxa biex il-kunsill jitkellem mal-perit forsi jista' jsir xi haġa.

30.5.07 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-fanali li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja biex il-kunsill jgħin u jagħmel manutenzjoni tagħhom bil-ħaddiema assenjati filwaqt li l-knisja tieħu ħsieb l-scafolding ghal magħhom.

Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar kif dan ix-xogħol jista' ssir u semmiet is-sistema ta'dawl li hija antika u li għanda bżonn tinbidel.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni għala dan it-tip ta'xogħol għandu jkun mgħoddi u ssir aħjar min xi ħadd ieħor li huwa mdorri jaħdem fuq scafolding b'ċertu sengħa. Hawn ta' spjega wkoll li dawn huma tal-knisja u s-sistema għad dawl li hija għaddejja minn taħt iz-zuntier għalhekk l-ispiża tax-xogħol li jrid issir tista' tkun waħda għolja.

Il-kunsilliera preżenti qablu li tintalab stima għax-xogħol ta'żebgħa li hemm bżonn ssir fuq il-fanali.

30.5.08 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar kif il-bankijiet go Triq Victor Denaro qed jiġu wżati biex nies bla saqaf joqgħodu fuqhom u spjega bosta problemi li qed jkun hemm minħabba hekk. Hawn kompla jispjega li meta ssir il-hajt prottetiv għal bini tal-iskola dawn xorta rridu jinqalghu għalhekk qed jissuġġerixxi biex dan issir issa ħalli jonqsu il-problemi.
Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni u qablu li l-bankijiet jiġu żarmati.

30.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-pots li hemm mad-dawra tal-iskatepark li ma għadhomx addattati għal hemm u ssuġġerixxa li dawn jiġu trasferiti għal go Triq Dun Kalcidon Schembri biex jinbidlu ma oħrajn isbaħ.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

30.5.10 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-gutters bejn l-għassa u il-Knisja li hemm minnhom mkissrin forsi jinbidlu
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota.

30.5.11 Is-Sur Jean Claude Borg dwar is-silhouette tal-presepju fejn spjega li barra li ilu snin jintuża l-injam tiegħu huwa fi stat ħażin għalhekk qed jitlob biex jinbidel.
Il-kunsilliera preżenti qablu li tintalab stima.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota biex jara għal-istimi

30.5.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar talba mill-Għaqda Ġużeppini biex ssir attività ta'

- Carwash go Misraħ 5 ta'Ottubru
- Cinema day gol-kunsill
- San Nikola mat-toroq tal-Imsida bħas sena preċedenti

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

Ma' kienx hemm rapporti.

**30.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

30.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-29 ta' ħlasijiet bejn l-24 ta'Awissu 2021 sa 22 ta'Settembru 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

30.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:10 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 19 ta'Ottubru 2021 fil 5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 19 ta'Ottubru 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai — Alan Vella
Sindku — Segretarju Eżekuttiv